MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 929/2008/1

**GO plc**

**vs**

**Hydro Rocks Contractors Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' tlett elef tnejn u erbghin ewro u disgha u tlettin ewro centezmu (€3042.39) rapprezentanti hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq d'Argens, Msida f'Lulju, 2007 u dan skont fattura bir-riferenza MC04124 datata 17 ta' Awssu, 2007 (fajl relattiv –

GT205/07). Dokumenti ezebiti in atti huma Dok A, B u C.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici, permezz ta’ din l-istanza titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghal hsarat ikkawzati u tikkundanaha thallas l-ammont kif mitlub, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet illi hija m’hijiex responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mis-socjeta’ attrici, konsegwentement ma hemmx danni x’jigu likwidati favur is-socjeta’ attrici. Fi kwalunkwe’ kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ attrici ghandha ggib il-prova skont il-ligi tal-quantum tad-danni minnha pretizi.

In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta’ eccipjenti ghal hlas ta’ danni favur is-socjeta’ attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Robert Magro, Victor Busuttil, Paul Darmanin, Joseph Chircop, Silvan Montesin, John Farrugia, Peter Baldacchino u Barry Baldacchino.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijet tal-partijiet.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza titratta dwar hsarat subiti mis-socjeta’ attrici fl-infrastruttura taghha meta intlaqat ‘cable’ waqt illi kien qed isir xoghol ta’ skavar mis-socjeta’ konvenuta. Illi mill-provi jirrizulta li huwa minnu li waqt illi s-socjeta’ konvenuta kienet qed twettaq xi xoghlijiet fi Triq Rue d’Argens laqtet il-‘cable’ tas-socjeta’ izda skont is-socjeta’ konvenuta hija ma tistax titqies responsabbli ghal dawn il-hsarat peress illi l-‘cable’ ma kienx jinsab fil-livell adegwat ta’ tmenin centimetru.

Intqal mis-socjeta’ attrici, illi skont il-permess mahrug mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta, huwa stipulat illi l-kuntrattur huwa responsabbli ghal hsarat li jsiru lis-servizzi li jinsabu taht l-art, u li jigu kawzati mill-ingenji, materjali jew kwalunkwe’ process iehor relatat mal-permess moghti lill-kuntrattur. Illi mill-provi jirrizulta mhux kontestat illi s-socjeta’ attrici ghamlet il-‘*markings*’ kollha necessarji fit-triq skont il-procedura tal-permes li jinhareg lill-kuntrattur. Izda sta ghal kuntrattur li jaghmel ‘*pilot holes’* bil-ghan li jaccerta li l-infrastruttura li tinsab taht l-art ma ggarrabx hsara. Illi rrizulta li kienu saru ‘pilot holes’ izda hemm dubju dwar jekk intuzax ‘*tracking device’* fil-post fejn sar l-incident. Illi bhala prekawzjoni ulterjuri, l-kuntrattur ghandu ukoll juza ingenji ghall-iskavar adegwati u li ma jikkawzax hsara lill-infrastruttura. Illi skont is-socjeta’ attrci ghalkemm hija ghandha taghmel il-‘markings’ necessarji, huwa l-kuntrattur li jinghata il-permess sabiex jiskava u ghaldaqstant ghandu l-obbligu li jiehu l-prekawzjonijiet kolha necessarji sabiex ma jsiru ebda hsarat lill-infrastruttura fejn ikun qieghed jsir l-iskavar. Illi dejjem skont is-socjeta’ attrici, l-kuntrattur kellu l-obbligu li jaghmel ‘*pilot holes’* sabiex jara bi preciz fejn tinstab l-infrastruttura u li anke ghandu juza *‘track location equipment*’ bhala prekawzjoni. Illi dejjem skont il-permess li jinhareg mill-Awtorita’ dwar it-Trasport lill-kuntratturi, jinghad illi jekk kemm–il darba il-‘*cables*’ jinsabu

f'certu profondita' dawn ma jistghux jigu lokalizzati bi '*tracking device.*'

Illi rrizulta mill-provi li s-socjeta' attrici taghmel biss il-'markings' fit-triq u m'hijiex obbligata tghid lill-kuntrattur f'liema profondita' ghandhu jqieghed il-'*cables'*. Lit-Tribunal jirrizulta li sta ghal kuntratturi li jsiru jafu fejn huma l-'*cables'* u dan permezz ta' *'pilot holes'* u '*tracking devices'*.

Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta jirrizulta li l-infrastruttura tas-socjeta' attrci ma kienetx fil-limitu ta' profondita' adegwata. It-Tribunal jirrilleva li dwar il-kejl u profondita' adegwata ghalkemm dan il-qies m'huwiex regolat skont korp ta' regolamenti, hemm sistema ta' *standard* ta' tmenin centimetri li huwa normalment accettabbli mill-partijiet kollha.

Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta, t-Tribunal ma jistax ma jirrellevax illi ghandu xhieda kontrastanti dwar jekk intuzawx '*track locators'* u jekk ghamlux '*pilot holes'*. Illi John Farrugia stqarr li ghamlu '*pilot holes'* kif ukoll uzaw *'track locators'* filwaqt illi Peter Baldacchino xehed illi f'dan ix-xoghol partikolari ma tqeghdux '*pilot holes*.' Illi a fol 24 tar-rapport intern mhejji mis-socjeta' attrici dwar l-incident hemm imnizzel fin-numru 12, illi l-'*pilot holes'* saru. Izda fl-istess rapport it-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi fin-numru 9 ta' dan ir-rapport ghal '*depth of damaged cable below street level'* minflok numru jew qies hemm biss il–kelma '*yes*' li fic-cirkostanzi, t-Tribunal ma jhossx illi hija risposta adegwata ghan-numru abbinat mal-mistoqsija.

Illi huwa minnu li ghad m'hemmx korp ta' regolamenti li jirregolaw u jiggwidaw l-awtoritajiet koncernati ma' dan it-tip ta' xoghlijiet ta' infrastruttura, partikolarment fejn jirrigwarda qisien ta' profondita'. Illi jezistu vari entitajiet li joffru s-servizzi taghhom lill-pajjiz u li l-infrastruttura taghhom tinsab taht l-art. Illi ma jidhirlux illi jezistu

ebda parametri regolamentari dwar it-tqeghid ta' din l-infrastruttura, izda skont il-permessi ir-responsabbilita' ghandha tkun tal-kuntratturi.

Illi t-Tribunal jirrilleva li fil-kaz in kwistjoni m'ghandhux dubju li s-socjeta' konvenuta aggixxiet bi prudenza meta kienet qieghda tiskava u jekk il-'*cable'* tas-socjeta' attrici kien jinsab 'l fuq minn sittin centimetru minn wicc l-art jista' jinghad il-kaz illi dan il-'*cable*' ma kienx fi profondita' adegwata jew skont mizuri adottati u accettabli mill-entitatjiet koncernati. Izda madankollu, ghalkemm il-kundizzjonijiet mnizzla fil-permessi li jinghataw lill-kuntratturi iqieghdu r-responsabbilita' kollha fuq il-kuntratturi ma jfissirx illi kull kaz m'ghandux jigi ezaminat bir-reqqa.

Illi fil-kaz in ezami, skont is-socjeta' attrici, il-profondita' tal-'cable' kien bejn zewg u tlett piedi. Illi fil-kaz in kwistjoni jirrizulta lit-Tribunal illi s-socjeta' konveuta kienet ghamlet il-'*pilot holes'* izda ghandu dubji serji jekk intuzawx 'tracking devices' kullimkien partikolarment fil-post ta' l-incident.

Jirrizulta wkoll lit-Tribunal li wara li ntlaqtu l-*'cables'* appartenenti lis-socjeta;' attrici din hadet hsieb li tbaxxi l-istess cables u ma thallihomx fl-istess livell. It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li anke skont is-socjeta' attrici l-'*cables*' ma kienux tqieghdu fi profondita' adegwata.

Illi s-socjeta' konvenuta sa mill-bidu ta' l-incident qatt ma riedet tammetti responsabbilita' tal-hsarat peress illi l-*'cable'* kien tqieghed baxx wisq. Dejjem dwar il-livell ta' profondita' tal-'*cables*' lit-Tribunal jirrizultalu li l-propjetarji tal-infrastruttura ma jezigux illi l-'*cables*' taghhom ghandhom jkunu skont certu qisien izda jirrizulta lit-Tribunal li jezisti '*standard*' accettat mill-entitajiet kollha li ghandhom l-infrastruttura taghhom taht it-triq u li l-profondita' ghandha tkun ta' tmenin centimetri.

Illi dan il-qies qieghed jigi adottat mill-awtoritajiet u huwa rispettat mill-kuntratturi.  Izda ghalkemm huwa *standard* accettat mhuwiex sal-lum *standard* regolat taht korp ta' regolamenti.

It-Tribunal jemmen lis-socjeta' konvenuta meta tghid illi l-infrastruttura kienet qieghda wisq vicin l-art tat-triq izda, huwa minnu li t-tqeghid ta' *'cable'* f'certu profondita' m'huwiex regolatat imkien hlief fl- *'ispecifications'* li jinghataw lill-kuntratturi mall-permessi.  Illi jemmen ukoll lis-socjeta' konvenuta meta tghid illi l-ewwel bdew jaqtghu bit-*'trencher'* imbghad bdew jaqtghu bl-ghodda ta' l-idejn izda irrizulta li s-socjeta' konvenuta laqtet il-cable appartenenti lis-socjeta' attrici fil-mument illi l-*'overseer'* ma kienx prezenti..

Fil-kaz in ezami t-Tribunal huwa tal-fehma li l-permessi kif jinhargu, l-kuntratturi ghandhom joqghodu iktar attenti meta jkunu qieghdin jiskavaw u ghandhom ukoll l-obbligu li jevitaw u jipprevedu li '*cables'* jistghu ma jkunux fi profondita' ta' almenu tmenin centimteru skont l-*'ispecifications'* u dan minhabba il-fatt illi l-profondita' ta' *'cables'* ma hija regolata mkien u sakemm din il-profondita' ma tkunx regolata il-kuntrattur ha jibqa' responsabbli ghad-danni li jikkawza. Illi fil-fehma tat-Tribunal ma jemminx lis-socjeta' attrici  uzat '*track locator'* fil-post tal-incident.  Illi kieku fil-fatt intuza '*tracking device'* dan kellu jilqa' senjalazjoni tal-*'cable'* partikolarment jekk il-'*cable'* kien qieghed vicin il-wicc tat-triq.

Illi fil-fehma tat-Tribunal kuntrattur maghzul ghal xoghlijiet tal-iskavar ghandu joqghod wisq aktar attent partikolarment meta wiehed jara l-kundizzjonijiet li jinhargulu fil-permessi w sakemm ma jkunx hemm korp ta' regolamenti li jirreoglaw l-infrastruttura ta' entitajiet li jaghtu certi servizzi lill-pajjiz, il-kuntrattur qieghed jidhol ghal responsabilita' enormi.

It-Tribunal jirrelleva li, skont id-dokumenti in atti, s-socjeta' attrici kellha jkollha *'overseer'* il-hin kollu partikolarment ghaliex l-iskavar kien qieghed isir vicin *'fibre optic cables*' izda nzerta li fil-mument tal-incident Paul Darmanin, l-*'overseer'* tas-socjeta' attrici, ma kienx hemm. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa nuqqas serju da parti mis-socjeta' attrici ghaliex bl-ghajnuna tieghu il-kuntrattur seta' jkun iggwidat ahjar.

Illi mix-xhieda principali tas-socjeta' konvenuta, u cioe' il-bniedem li min naha tas-socjeta' konvenuta kien qieghed jiskava t-trinka, qal illi huma kienu ghamlu '*pilot holes'* u uzaw '*track locators'* tul it-triq kollha izda dawn ma jintuzawx fl-istess gurnata u ma ftakarx jekk uzawx '*track locators'* ghal parti fejn kien intlaqat il-'*cable'*.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jikkonkludi  li ma ntuzawx it-'*track locators'*. Illi kieku ntuza dan il-mekkanizmu, il-fatt illi l-'*cable*' kien jinsab vicin il-wicc tat-triq, zgur li kien jilqa' s-senjalazzjoni tal-pozizzjoni tal-*'cable'*.

It-Tribunal jidhirlu li wara li sema' u evalwa l-provi kollha b'lenti qawwija ma jistax ma jasalx ghall-konkluzjoni li fil-kaz in ezami, z-zewg partijiet ikkontribwew ghal hsarat li sehhew u li kien hemm negligenza miz-zewg partijiet.

Illi minn banda wahda, s-socjeta' attrci kellha jkollha '*overseer*' il-hin kollu sabiex jiggwida lill-kuntrattur.  Illi nzerta li fil-mument tal-incident l-*'overseer'* ma kienx '*on site.*'  Illi in oltre il-'*cable'* appartenenti lis-socjeta' attrici ma kienx qieghed fi profondita' skont '*specifications*' li jkollhom normalment.  Illi jirrizulta li hemm prassi ta' profondita' ta' tmenin centimetru osservat mill-entitajiet kollha izda ghalkemm huwa *standard* regolarment osservat mhuwiex regolat bil-ligi. Illi lit-Tribunal m'ghandux dubju li l-'*cable'* in kwistjoni

kien fi profondita' ta' mhux aktar minn sittin centimetru tant illi s-socjeta' attrici sussegwentement baxxiet dan il-*cable*. Illi t-Tribunal huwa wkoll konxju mill-fatt illi ma hemmx korp ta' regolamenti li jirregolaw il-profondita' tal-infrastruttura li tipprovdi servizzi lill-pajjiz u li jinsabu taht l-art. Izda madankollu ma jfissirx illi m'ghandux jipprevali s-sens komun minn naha ta' kulhadd u jekk kemm-il darba l-'i*specifications*' isejjhu '*bench mark'* ta' tmenin centimetru allura l-istess infrastruttura ghandha tinsab f'din il-profondita.' Illi din ma kienetx kwistjoni ta' ftit centimetri izda pjuttost ta' differenza ta' hmistax-il centimetru.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal jhossu moralment konvint illi fil-kaz in ezami il-'*cable'* kien jinsab wisq vicin wicc l-art. Huwa konvint ukoll illi n-nuqqas ta' l-uzu ta' '*track locator'* kien zball. Illi nuqqas iehor kien li fil-hin ta' l-incident l-'*overseer*' tas-socjeta' attrici ma kienx '*on site'* u ghalhekk ma kienx qieghed jsegwi x–xoghlijiet kif kien obbligat jaghmel skont il-permess moghti lill-kuntrattur.

Illi s-socjeta' attrici hija il-propjetarja tal-'*cables*' li ntlaqtu u fil-fehma tat-Tribunal ma kelliex thalli li dawn il-'*fibre optic cables'* jitqieghdu vicin il-wicc tat-triq kif instabu meta tqieghdu originarjament. Illi skont 'standard' ta' qisien l-infrastruttura ghandha titqieghed distanza mill-wicc tat-triq ta' tmenin centimetri.

Illi ghaldaqstant, ghar-raguni li l-'cable' kien jinsab wisq vicin l-art, it-Tribunal qieghed '*arbitrio boni viri'* jattribwixxi parti mill-htija ta' dan l-incident lis-socjeta' attrici minhabba certu nuqqasijiet li gew svelati mill-provi.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset meta ma uzatx '*track locator'* u ghandu dubji serji jekk fil-fatt kienux saru '*pilot holes'* fejn sar l-

> incident u anke jekk skont dokument, a fol 24, ezebit mis-socjeta' attrci ntqal illi l-'*pilot holes'* kienu saru. Illi meta kuntrattur ikun qieghed jaccetta li jaghmel xoghol ta' l-iskavar ghandu l-obbligu li jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan l-incident seta' ma kellux l-ezitu li kellu jekk kemm-il darba s-socjeta' konvenuta uzat il-mezzi kollha ghad-disposizzjonijiet taghha izda mill-banda l-ohra t-Tribunal ma jistax ma jqiesx ukoll in-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici msemmija minnu hawn fuq li kkontribwew ukoll ghall-hsarat li sehhew.
>
> Ghalhekk, wara li sema' u evalwa l-provi kollha bir-reqqa, t-Tribunal ma jhossux moralment konvint illi t-tort tal-hsarat huma ta' parti wahda biss, u ghalhekk qieghed jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici limitatament fis-somma ta' elfejn, mitejn wiehed u tmenin ewro u hamsin centezmi ( €2281.50).
>
> Bl-ispejjez kollha msemmija mis-socjeta' attrici sopportati tlett kwart ghas-socjeta' konvenuta u kwart ghas-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju generali illi t-Tribunal ma interpretax tajjeb il-fatti tal-kawza u naqas li japplika korrettement il-principji legali ghalihom. Hija tfisser dan l-ilment taghha bid-deduzzjoni illi c-*cable* intlaqat minnha intortament ghaliex l-istess *cable* kien wisq vicin ghall-wicc tat-triq u, ghaldaqstant, l-isfjorament tieghu kien imprevidibbli u inevitabbli. Tillanja wkoll illi l-mizura tal-htija lilha addebitata ma tirriflettix dik il-gustizzja u l-ekwita li c-cirkostanzi tal-kaz kienu jissuggerixxu;

Minn naha taghha s-socjeta` attrici wkoll tobbjetta permezz ta' appell incidentali ghar-*ratio decidendi* tas-

sentenza. Hi tissottometti illi t-Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni tal-fatti kollha u li japplika kif imiss il-principji legali. Dan in rigward ghall-profondita` ta’ l-infrastruttura taghha u dwar il-presenza ta’ l-*overseer*. Bi gravam addizzjonali hi tissottometti illi fir-rigward ta’ l-imghaxijiet legali t-Tribunal naqas li jaghti piz debitu lill-interpellazzjoni gudizzjarja taghha tat-30 ta’ Gunju, 2008;

Koncizament, il-konstatazzjonijiet maghmula mit-Tribunal jistghu jigu raggruppati kif gej:-

i. Is-socjeta` konvenuta agixxiet bi prudenza meta kienet qed tiskava;

ii. Gjaladarba l-*cable* kien jinsab ‘il fuq minn 60 centimetru minn wicc l-art, jista’ jkun li l-*cable* ma kienx fi profondita adegwata. Dan ghaliex jezisti “standard” accettat mill-entitajiet kollha li ghandhom infrasturttura taht wicc it-triq li l-profondita tkun ta’ 80 centimetru, ankorke ma jezisti ebda regolament dwar dan;

iii. Kien hemm nuqqas serju da parti ta-soscjeta` attrici li ma kellhiex *overseer* waqt il-konduzzjoni tax-xoghlijiet;

iv. Ghalkemm jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet il-*pilot holes*, hemm dubji serji jekk intuzax “*trenching device*” fil-lok fejn sehh l-incident. Dan ghal raguni illi jekk verament intuza dan l-istrument, la l-*cable* kien jinsab vicin wicc it-triq, kien jaghti senjalazzjoni tal-posizzjoni tieghu;

v. Iz-zewg partijiet ikkontribwew ghall-hsarat li sehhew, anke jekk mhux fi proporzjon indaqs;

Merament fuq pjan procedurali din il-Qorti taqbel mas-socjeta` konvenuta appellanti illi huwa pjuttost illogiku illi min naha wahda t-Tribunal jirrileva illi hi agixxiet bi prudenza u, fil-istess waqt, jikkonkludi illi ghandha tinsab fi htija. Ir-razzjonalita tal-motivazzjoni timplika raffront bejn

ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji, u ma jidherx li hu razzjonali illi fl-istess motivazzjoni ikollok deficjenza tal-kriterju logiku segwit fejn tissussisti kontradizzjoni evidenti li turi li r-ragunijiet migjuba ghab-bazi tad-decizjoni huma sostanzjalment kontrastanti.  Maghdud dan, hu dmir ta' din il-Qorti li tittanta skond l-ahjar dehen taghha, u fuq ir-rivalutazzjoni tal-materjal istruttorju, toffri soluzzjoni aktar akkurata tal-kontroversja minn dik professa mit-Tribunal;

L-atti kjarament jistabilixxu x'inhuma l-kundizzjonijiet imperanti li kuntrattur hu tenut li jikkonsegwi fi process ta' skavar ta' triq kif ukoll il-prekawzjonijiet u l-mizuri li ghandu jadotta ghall-harsien ta' l-infrastrutturi sitwati taht il-livell tat-triq.  *Inter alia,* jissemmew l-ezekuzzjoni ta' "*pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant*", l-uzu ta' "*proper track location equipment*", u fejn jokkorri l-uzu ta' "*appropriate excavating equipment*". Dan ghall-fini li jigi skansat dannu lill-infrastrutturi;

Huwa bil-wisq apparenti minn dawn il-kondizzjonijiet illi l-osservanza taghhom trid tigi rigorozament rispettata.  Dan ghal motiv ovvju illi min jintraprendi xoghlijiet ta' skavar fuq proprjeta` ta' terzi huwa obbligat li jadotta certi mudelli komportamentali.  F'dan is-sens tassumi riljev partikolari r-regola kodifikata fl-Artikolu 1132 tal-Kapitolu 16 skond liema fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni wiehed hu tenut dejjem li juza d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*.  Din hi disposizzjoni fundamentali f'materja ta' obbligazzjonijiet kontrattwali in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur ta' l-obbligazzjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu, avut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh;

Issa fil-kaz specifiku d-danni reklamati huma mnissla minn kulpa extra-kontrattwali in kwantu l-kontrattazzjoni ta' l-iskavar ma sarx direttament mas-socjeta` attrici jew fl-interess taghha izda mal-Water Services Corporation ghal

"*water main and house services*". F'tema legali l-azzjoni esperita ghandha l-kollokazzjoni taghha fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodci Civili, ossija fis-sens illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" u li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjab tal-familja", sija jekk huma attijiet ta' kummissjoni jew ta' ommissjoni;

Il-gurisprudenza lokali tfornixxi precedenti precizi fil-kuntest ta' dak appena predett. Hekk jinsab sostenut "*che in diritto la diligenza da essere usata nell'adempimento di una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere, sono due concetti che si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche uno ha usato la diligenza che doveva usare non è in colpa, e quando è in colpa lo si è appunto per non avere usato la debita diligenza*". Ara "**Caterina Magro -vs- Don Santo Agius**", Appell Civili, 20 ta' Frar, 1920. Proprju fiha ssokta jinghad illi "*il diritto Romano ci ha trasmesso la norma generale che traccia i confini della responsabilita` giuridica e che vale a determinare quale sia la condotta che si deve tenere nell'adempimento delle proprie obbligazioni, la quale norma è la diligenza del 'diligens paterfamilias', formula di cui nè la scienza nè la pratica hanno saputo trovare una migliore ...*";

Dan kollu qed jigi accentwat biex jigi puntwalizzat il-punt illi s-socjeta` konvenuta kienet obbligata skond il-kondizzjonijiet regolamentari illi fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet ta' skavar tiehu kura ta' l-infrastruttura tas-socjeta` attrici bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja. Proprju, il-kolpa tigi in riljev taht dan il-profil jekk jinstab li l-kondotta ta' l-awtur, ukoll jekk minghajr il-hsieb li jarreka dannu, jikkaguna event lesiv lill-patrimonju ta' haddiehor. Inghad minn din il-Qorti kif presjeduta illi "azzjoni bhal din tirrientra f'dik l-iskema tar-responsabilita` akwiljana u tippresupponi li d-danni gew kawzati bhala konsegwenza immedjata ta' l-imgieba ta' l-appellant innifsu. Jikkonsegwi illi ghas-success ta' l-azzjoni intentata jrid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f'rapport

kawzali dirett ma' l-att jew fatt tas-socjeta` konvenuta". Ara "**Korporazzjoni Enemalta -vs- Vella Group Limited**", 8 ta' Gunju, 2006;

Fil-kaz prezenti huwa inkontestat fuq l-istregwa tal-provi illi l-hsara fil-*cable* tas-socjeta` attrici hi f'abbinament dirett max-xoghlijiet ta' skavar li sar mis-socjeta` konvenuta, kif hekk ukoll kien il-kaz in re: "**Maltacom plc -vs- Anthony Vella *et***", Appell Inferjuri, 15 ta' Novembru, 2006. L-accertament ta' dan in-ness kawzali hu skontat. Indagini aktar penetranti tal-provi ghandha turi li l-kolpa tas-socjeta` konvenuta hi, tista' tghid, *in re ipsa* in kwantu naqset doverosament milli ssegwi l-kondizzjonijiet regolamentari fuqha imposti fil-grad ta' dik id-diligenza li n-natura tax-xoghlijiet kienet hekk tiddettalha. Hi pjuttost osservazzjoni cinika dak ritenut mis-socjeta` appellanti illi hi kienet diligenti ghax it-tort kien tal-kontroparti li ma kellhiex l-infrastruttura taghha fi profondita adegwata. Hi setghet tipprevedi, ankorke dan kien hekk u wzat kif kellu jkun it-*track location equipment*, illi setghet tikkawza hsara lis-servizzi li jkunu ghaddejjin minn taht it-triq. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Maltacom plc -vs- Nicholas Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar, 2008, konfermata in sede Appell fis-26 ta' Marzu, 2010, "dan ma kienx xi kaz fortuwitu jew rizultanti ta' forza magguri, lanqas ma kienet xi possibilita` remota jew inverosimili li jsib servizzi taht il-wicc tat-triq";

Fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi fil-kumpless taghhom din il-Qorti assolutament ma tistax taqbel mat-Tribunal illi kellu japporzjona l-htija bejn il-partijiet ghall-fatt ta' l-assenza ta' *overseer* jew tan-nuqqas ta' profondita` ta' l-infrastruttura, li dwarha incidentalment lanqas biss tezisti gwida jew regolament *ad hoc* kemm ghandha effettivament tkun. La l-assenza ta' *overseer* u lanqas il-profondita ma jistghu jinnewtralizzaw l-obbligu gravanti fuq is-socjeta konvenuta li tadopera kawteli u dan fi grad gholi konsiderat li hi kienet xjenti li kienu jezistu l-infrastrutturi. Id-diligenza dan kienet tesigi minnha f'materja ta' skavar. Ghall-aktar approfondiment fuq it-

tematika l-Qorti tirreferi ghad-decizjoni taghha in re: "**Go plc -vs- Schembri Infrastructures Limited**", 29 ta' Mejju, 2009;

Fic-cirkostanzi l-Qorti tara li l-appell principali tas-socjeta` ma jisthoqqlux jigi akkolt mentri tqis dak incidentali sottomess mis-socjeta` attrici bhala sostenibbli kemm fir-rigward tal-gravam dwar ir-responsabilita`, kif ukoll in mertu ghall-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali (30 ta' Gunju, 2008).

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tichad l-appell principali tas-socjeta` konvenuta. Tilqa' invece l-appell incidentali tas-socjeta` attrici billi ssibha mhux responsabbli f'ebda proporzjon ghall-hsara subita fil-*cable*. Tordna finalment li l-ammont reklamat f'danni skond l-Avviz tat-Talba ghandu jithallas flimkien ma' l-imghaxijiet b'effett mit-30 ta' Gunju, 2008. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------